REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1472

tas-26 ta' Awwissu 2015

dwar l-emendar tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 mal-Att tal-Adeżjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru mal-Att fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolamennt tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 mal-Att tal-Adeżjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 866/2004 jistipula lista ta' punti tal-qsim tal-linja li minnhom persuni u oġġetti jistgħu jaqsmu l-fruntiera bejn iż-żoni li huma taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u dawk iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

(2) Wara ftehim dwar il-ftugħ ta' punti tal-qsim tal-linja ġodda f'Deryneia u Lefka-Apliki, jeħtieġ li jiġi adattat l-Anness I.

(3) Il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru aċċetta dan l-adattament.

(4) Il-Kamra tal-Kummerċ Turko-Ċiprijotta ġiet ikkonsultata dwar dan is-suġġett.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 866/2004 jinbidel b'dan li ġej:

"*ANNESS I*

Lista ta' punti tal-qsim tal-linja msemmija fl-Artikolu 2(4)

— Agios Dhometios

— Astromeritis — Zodhia

— Kato Pyrgos — Karavostasi

— Kato Pyrgos — Kokkina

— Kokkina — Pachyammos

— Ledra Palace

— Ledra Street

— Lefka — Apliki

— Deryneia".

[1] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 955.
[2] ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER